# Sejbiet ewlenin tar-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-2015 fl-UE

## Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali tal-EASO għall-2015 jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tan-numru u n-natura tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fit-28 Stat Membru tal-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera (UE+). Dan jeżamina x-xejriet tal-ażil, inklużi l-isfidi ewlenin u r-risponsi matul is-sena, l-iżviluppi istituzzjonali u legali kbar u jipprovdi ħarsa ġenerali tal-funzjonament prattiku tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (CEAS). L-Istati Membri, l-UNHCR, is-soċjetà ċivili, speċjalisti fl-informazzjoni u uffiċjali fil-qasam jikkontribwixxu input.

## Punti ewlenin tar-rapport

- Fl-2015, saru kważi 1.4 miljun applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+ - l-ogħla numru sa mill-bidu li beda l-ġbir tad-dejta fil-livell tal-UE fl-2008.
- L-ogħla numri ta’ applikanti għall-ażil irreġistrati kienu ċittadini tas-Sirja, tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent flimkien u tal-Afganistan. Il-pajjiżi riċevituri ewlenin kienu l-Ġermanja, l-Ungerija, l-Iżvezja, l-Awstrija u l-Italja.
- Fl-aħħar tal-2015, l-għadd ta' persuni li kienu qed jistennew deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+ qabeż il-miljun. Il-volum ta' applikazzjonijiet pendenti aktar milli rdoppja meta mqabbel mal-2014.
- Il-kriżi fis-Sirja baqgħet fattur ewlieni fin-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+. L-applikazzjonijiet mis-Sirjani laħqu iktar minn 380 000, żieda ta' tliet darbiet iktar, meta mqabbla mal-2014.
- Fl-2015, in-numru ta' applikazzjonijiet mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kważi rdoppja għal 201 405 applikanti, bil-maġġoranza vasta tagħhom kienu ġejjin mill-Kosovo u l-Albanija.
- Is-sena l-oħra, l-Afganistan baqa' wieħed mill-pajjiżi ta' oriġini prinċipali tal-applikanti b'196 170 applikazzjoni magħmula (żieda ta' 359%) u jinkludi l-ogħla sehem ta' tfal mhux akkumpanjati japplikaw għal protezzjoni internazzjonali globalment fl-UE+ (25% tal-applikanti Afgani kollha).
- Sar qbil fuq l-ewwel sforz komuni tal-UE dwar ir-risistemazzjoni billi 27 Stat Membru, flimkien mal-Istati Assoċjati ta' Dublin, wiegħdu li jirrisistemizzaw 22,504 persuni spostati minn barra l-UE fi żmien sentejn.

## Żvilippi maġġuri fl-2015




### Programm ta' rilokazzjoni

Bl-influss bla preċedent ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-2015, sar qbil fuq programm ta' rilokazzjoni biex jappoġġja lill-Istati Membri l-iktar milquta - l-Italja u l-Greċja - li kienu taħt pressjoni konsiderevoli. Wara proposta li saret mill-Kummissjoni f'Mejju 2015, il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni temporanju u eċċezzjonali għal 160 000 applikant bi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali mill-Greċja u l-Italja, biex jiġi implimentat fuq sentejn sa Settembru 2017.

### Tfal mhux akkumpanjati

Fl-2015, total ta' 95 985 tifel/tifla mhux akkumpanjati applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+ - kważi erba' darbiet in-numru li deher fis-sena ta' qabel. Iż-żidiet kienu l-iktar notevoli f'erba' pajjiżi riċevituri ewlenin: Fl-Iżvezja, il-Ġermanja, l-Ungerija u l-Awstrija. Dawn il-pajjiżi flimkien irreġistraw 70 % tal-applikazzjonijiet għall-ażil kollha mressqa mill-UAM. L-influss sinifikanti ħafna ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li allegaw li huma minuri rriżulta fi sfidi rigward il-valutazzjoni tal-età proprja u nuqqas ta' jew dewmien fil-provvediment ta' gwardjani.

### Faċilitajiet ta' akkoljenza

Fl-2015, iż-żieda fl-applikazzjonijiet għall-ażil wasslet għal nuqqasijiet fl-akkomodazzjoni f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari waqt ix-xhur tas-sajf. Xi Stati Membri kellhom jirduppjaw jew jittriplikaw il-kapaċità tal-ilqugħ tagħhom, u din il-ħaġa enfasizzat il-ħtieġa għal flessibbiltà ikbar rigward il-faċilitajiet. Il-miżuri li ttieħdu biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi inkludew l-għoti ta' akkomodazzjoni permanenti u temporanja/ta' emerġenza addizzjonali, l-istabbiliment ta' ċentri ġodda ta' akkoljenza inizjali u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri ġirien.

### Sostenn tal-EASO:

Is-sena l-oħra, l-EASO baqa' jagħti appoġġ operazzjonali lill-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija u Ċipru. Minn Settembru 2015, l-EASO appoġġja l-programm ta' rilokazzjoni tal-UE mill-Italja u l-Greċja għal pajjiżi Ewropej oħrajn fuq il-bażi ta' Pjanijiet Operattivi ta' Rilokazzjoni Hotspot iffirmati maż-żewġ Stati Membri, bl-użu ta' esperti, inkluż timijiet mobbli u bl-iżvilupp ta' diversi għodod biex jassistu fid-diversi passi ta' rilokazzjoni (fuljetti ta' informazzjoni, informazzjoni ta' qabel it-tluq, reġistrazzjoni, proċess ta' tqabbil, għodda għall-identifikazzjoni tal-każijiet vulnerabbli).

### Żvilupp ta' sistemi nazzjonali tal-ażil

Billi l-iskadenza għat-traspożizzjoni tar-riformulazzjoni tal-*acquis* tal-ażil inqabżet fl-2015, diversi Stati Membri għamlu bidliet legali fis-sistemi nazzjonali tal-ażil tagħhom. B'mod parallel, influss sinifikanti ta'

applikanti f'diversi pajjiżi tal-UE+ attivaw mekkaniżmi ta' emerġenza f'termini tal-ġestjoni tal-fruntiera, reġistrazzjoni u ipproċessar rapidi tal-każijiet u r-reviżjoni tal-użu ta' proċeduri speċjali.

## Informazzjoni u assistenza legali

Fl-2015, saru diversi bidliet legali fil-pajjiżi tal-UE+ li wessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni u l-assistenza legali mogħtija lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'diversi stadji tal-proċedura.Fl-2015, dan baqa' ta' sfida speċjalment fl-isfond taż-żieda fid-domanda u ħafna drabi ġabra limitata ta' riżorsi speċjalizzati.

## Strateġija għall-futur

B'mod konformi ma' proposta għall-Aġenzija tal-Ażil tal-Unjoni Ewropea, imressqa mill-Kummissjoni, l-EASO se jidħol fi stadju ġdid fl-iżvilupp tiegħu, li jimxi lejn responsabbiltajiet ġodda u mtejba u mandat ġdid, li jibni fuq il-ħidma tiegħu s'issa.

**Jekk jogħġbok mur fuq https://www.easo.europa.eu/information-analysis/annual-report biex tara r-rapport sħiħ.**